MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 2001/1999/1

**Nota numru 2001/99 tad-debitur Charles Friggieri fejn iddikjara li huwa fi stat ta' falliment**

**Il-Qorti,**

Rat in-nota tas-17 ta' Settembru, 1999 ta' Charles Friggieri li permezz taghha huwa ddikjara :

Illi biha ai terminu ta' l-Artikolu 478 (1) tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jinsab fi stat ta' sospensjoni ta' pagamenti;

Illi in effetti l-esponent ghamel xi znin jiggestixxi hanut li kien ibiegh hi-fi u household goods, ossia 1, "Dorik", Richard Tailor Street, L-Iklin;

Illi minhabba li dan in-negozju beda sejjer lura illum l-esponent ghandu s-segwenti kredituri u s-segwenti krediti huma dovuti minghandu;

Illi huwa m’humiex qeghdin ihallsu l-ebda wiehed minn dawn il-kredituri u stante li l-hanut huwa maghluq u l-esponent jinsab presenzjalment disokkupat, l-introtju tieghu huwa zghira hafna tant li zgur ma jistax ihallas id-dejn imsemmi;

Dipartiment tat-Taxxa, Dwana u Sisa, Ta' Paris, B'Kara - Lm9,058.44 (arretrati ta' taxxa dovuta);

Glaselan Trading Co. Ltd - 19, Manuel Dimech Street, SIiema -Lm432.03 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

MCE Ltd - MCE House, Triq l-Industrija, Qormi - Lm213.89 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent);

Lohombus Bank Ltd - Spencer Gardens, Blata l-Bajda - Lm8533.61 (self) .

J. J. Scerri Co. Ltd - Centro Casalinga, P.P.Mifsud Street, Santa Venera (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Gaetano Vassallo - 133, Triq San Pawl, Bormla - Lm123.16 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Grech's Ltd - 154, St. Sebastian Street, Qormi - Lm38.38 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozjuta' l-esponent).

Vodafone Malta Ltd - 25, Strait Street, Valletta- Lm184 (pulses u kera ta' mobile phone).

Forestals (Appliances) Ltd - 110, The Strand, Sliema - Lm822.43 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Mario Attard Flores - "Johkrist", Triq il-Falkunier, Fgura - Lm6,769 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Vetrina - 189, High Street, Hamrun -Lm72.30 (merkanzija mixtrija
in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Petrolea Ltd - 17, Bishop Labini Street, B'Kara - Lm636.20 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

General Gas Ltd - RL 10 Ricasoli Ind. Estate, Ricasoli, Kalkara - Lm2078 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Portelli & Pisani Ltd - 224, High Street, Hamrun - Lm79.98 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

E & S Trading Ltd - 290, Mountbatten Street, Hamrun - Lm46 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Top Sales Ltd - New Street in Fort Road, Mosta - Lm451.98 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Mirage Holdings Ltd - Flamingo Showrooms, Canon Road, Qormi - Lm4,650.23 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Nicholas Trading Ltd - Highgrove Lodge, G. Despott Street, San Gwann – Lm117.31 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Bonavia Houshold Goods - 39, 55, Constitution Street, Mosta - Lm209 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Visual Sound Communications Ltd - 380, Manuel Dimech Street, Sliema - Lm329.58 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Rausi Co. Ltd. - JPR Buildings, Ta' Zwejt Street, Industrial Estate, San Gwann -Lm1120.58 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

GDL Trading & Services Ltd - 126, Cross Roads, Marsa - Lm893.40
(merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Queen's Enterprises Ltd - Pope John XXIll Street, B'Kara - Lm153.80 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

JZT Investments Co. Ltd - 125, B/3, St. Georges Road, St. Julians -
Lm78.53 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Tophouse Co. Ltd. - Lm320.55 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Mid Med Bank plc - 233, Republic Street, Valletta - Lm75,704.57 (overdraft uzat ghan-negozju).

Abela Enterprises - 21, New Street in Regional Road, St. Venera - Lm269.99 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju ta' l-esponent).

Alfa Co. Ltd. - The Sharp Centre, 57, Naxxar Road, B'Kara. - Lm5,981.10 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Vision Centre, 20B, Naxxar Road, San Gwann (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Anthony Pace - Blk J, Flat 4, Housing Estate, Zabbar - Lm972 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

B.I. Stores - 375, Manuel Dimech Street, Sliema - Lm853.17 , (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Alfred Sciberras - L-Iklin - Lm5,200 (self skond skrittura privata)

Joseph Schembri - B'Kara - Lm3500 (self skond skrittura privata).

United Acceptences Finance Ltd - Blata l-Bajda - Lm4,781 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Importstyle Ltd - "Isel", Triq il-Buqexrem, Fgura - Lm263.88 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Danomar Trading Agency Ltd – Giovanni Curmi Street, L-Iklin - Lm571 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Art & Craft Centre - Cida Street, San Gwann - Lm128 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Bonavia Wood Turning - New Street in Fort Road, Mosta - Lm32 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

PDK Investments Ltd - 129, Gorg Borg Olivier Street, Mellieha - Lm289.40 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Ciancio (1913) Co. Ltd. - 133, Old Theatre Street, Valletta - Lm152.84(merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

S & W, Psaila Street, B'Kara - Lm174 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Big Ben Textiles Centre - Naxxar Road, B'Kara - Lm108.30 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Frank Borda Ltd - Gala Centre, Testaferrata Street, Msida - Lm1,798.07(merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Bargains Ltd - Sir Flats/2, St. Rita Street, Rabat - Lm271.36 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Francica Stores - Pietru Xuereb Street, G'Mangia. - Lm230 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

G. T. Imports Ltd - Giuseppi Calleja Street, L-Iklin - Lm79.44 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Rimus & Company Ltd - Zabbar Road, Paola - Lm442.33 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Tabone Enterprises Malta Ltd - Gorse Street, B'Kara - Lm416 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Jogal Enterprises Ltd - 3, Mosta Technopark, Mosta - Lm142.35 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Super Audio Co. Ltd. - 2, S1. Anthony Flats, Mountbatten Street, Hamrun -Lm250 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Tacc Trading Company Ltd - 303 - 309, Rue D'Argens, Gzira - Lm640 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Jeanmarie Trading - 12, Triq il-Mediterran, St Julians. - Lm400 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Firm J. Muscat - Msida - Lm96.91 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Cam Trading Ltd - Carn, Triq l-Industrija, Qormi - Lm41 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

C. Brincat Ltd, Fgura - Lm141 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Flowerland & Nursery Co. Ltd - 437, Triq l-Imdina, Qormi - Lm543 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

V. Demajo& Bros - 8/9, VallettaRoad, Paola - Lm65 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Top Choice - 279-282, S1. Joseph High Road, Hamrun - Lm1,523 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju).

Illi bis-sahha ta' din in-nota l-esponent qieghed jippresenta id-dokumenti kollha konnessi man-negozju in kwistjoni. Kotba l-esponent ma kienx izomm pero qieghed jippresenta wkoll ir-records
mill-cash register tieghu ta' dawn l-ahhar sena u tmien xhur.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Ottubru 1999 li permezz tieghu ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jippubblika fil-Gazzetta tal-Gvern l-imsemmija dikjarazzjoni ta' Charles Friggieri li huwa waqaf milli jaghmel pagamenti tad-debiti tieghu state li jinsab fi stat ta' falliment u biex isejjah b'ittra lill-kredituri tieghu biex jidhru quddiem din il-Qorti fid-9 ta' Dicembru, 1999 fid-9.00 a.m. u jghidu ghaliex m'ghandux jigi dikjarat li Charles Friggieri mhux fi stat li jaghmel pagamenti stante li jinsab fi stat ta' falliment;

Rat l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern a fol. 19 tal-process;

Rat in-Nota ta' Mid Med Bank plc li biha iddikjara li huwa kreditur ta' Charles Friggieri fis-somma ta' sebghin elf hames mija u hamsa u sebghin lira Maltija u centezmu (LM70,575.01) skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat tal-24 ta' Marzu 1998, maghmul ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru 1998, debitament notifikata.

Illi ghalhekk l-esponent jiddikjara illi huwa ghandu interess jippartecipa f'dawn il-proceduri, u jiddikjara illi d-debitur ghandu jigi dikjarat bhala fallut frawdolenti.

Rat in-Nota ta' Gaetano Vassallo illi permezz taghha issottometta :

Preliminarjament illi l-proceduri li gew istitwiti minn Charles Friggieri huma nulli u minghajr ebda effett stante illi n-nota maghmula minn Charles Friggieri biex jiddikjara falliment m'hijiex akkumpanjata mill-kotba u karti kummercjali skond ma jistipula l-artikolu 480 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghalhekk hija nulla.

Rat l-avvizi li hargu fil-Gazzetta bil-Malta u f'Gazzetta bl-Ingliz; liema avvizi jinsabu a fol. 27 sa fol. 29 tal-process.

Rat in-nota tad-Direttur tat-Taxxi tad-Dwana u tas-Sisa u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud illi biha iddikjaraw illi huma kredituri ta' Charles Friggieri u li ser jirriservaw id-dritt ghal kwalunkwe taxxa li tista tkun dovuta kemm bhala VAT migbura minn bejgh maghmul fl-1996 taht il-ligi tal-VAT u cioe' l-Att X11 ta' l-1994 u taht il-ligi tad-Dwana u tas-Sisa, l-Att X11 ta' l-1997 u fuq stocks (hazniet kummercjali) li seta' kellu Charles Friggieri u li huwa ddispona minnhom wara l-gheluq tan-negozju, u ghal kwalunkwe taxxa tal-VAT jew tad-Dwana u tas-Sisa li tirrizulta miz-Z readings tal-Cash register li kellu s-Sur Charles Friggieri fil-perijodu li kien qieghed jopera.

Illi ghalhekk l-esponenti iddikjaraw illi huma ghandhom interess illi jippartecipaw f'dawn il-proceduri u iddikjaraw illi d-debitur ghandu jigi dikjarat bhala fallut frawdolenti.

Rat in-Nota ta' Alfred Sciberras (a fol. 31 tal-process).

Rat in-Nota tas-socjeta' Cachia & Galea Limited (a fol. 33 tal-process).

Rat ir-risposta ta' Frank Borda Limited illi permezz taghha espona bir-rispett illi l-proceduri huma nullli stante li ma gewx esebiti l-kotba tal-Kummerc salv risposta ulterjuri.

Rat ir-rikors ta' Alfa Co. Limited (a fol. 48 tal-process).

Rat in-nota tas-socjeta' kreditrici Forestals (Appliances) Ltd. a fol. 49 tal-process.

Rat in-nota ta' Nicholas Zammit (a fol. 52 tal-process).

Rat in-Nota ta' HSBC Bank Malta p.l.c. gja Mid-Med Bank p.l.c. a fol. 54 tal-process.

Rat in-nota tas-socjeta' kummercjali MCE Limited (a fol. 68 tal-process).

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha bi qbil mad-difensuri tal-partijet prezenti il-Qorti innominat bhala espert komputista lil Ian Crockford sabiex jirrelata dwar it-talbiet tad-debitur in vista ukoll tal-varji risposti tal-kredituri u illi permezz tieghu innominat ukoll bhala Perit Legali lil Dr Louis Cassar Pullicino bis-soliti fakultajiet inkluz illi jisma xhieda bil-gurament  a spejjez provvizorjament tad-debitur.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Louis Cassar Pullicinoipprezentat u mahluf minnu waqt is-seduta tal-20 ta' Gunju 2007.

Rat il-kunsiderazzjonijiet legali maghmula mill-imsemmi Perit Legali.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti trid tistharreg jekk ghandhiex tipprovdi dwar il-falliment ta' Charles Friggieri in segwitu tan-nota prezentata minnu fis-17 ta' Settembru 1999 fejn istitwixxa proceduri fallimentari volontarji.

Illi fil-ligi taghna, l-falliment huwa karatterrizat mic-cessazzjoni tal-pagamenti.  Issa mill-provi li rrizultaw, fin-nuqqas ta' kotba li kien tenut izomm l-imsemmi Charles Friggieri, mhuwiex possibbli sabiex jigi verifikat a bazi tal-

ahjar prova id-data meta effettivament avverat ruhha ic-cessazzjoni tal-pagamenti. Normalment il-prassi f'dawn ic-cirkostanzi tkun li tigi fissata d-data ta' meta ssir in-nota fallimentari. F'dan il-kaz pero jirrizulta illi Friggieri waqaf jopera l-hanut inkwistoni fil-bidu tas-sajf tal-1999 u a bazi ta' din il-prova, il-perit legali issottometta illi la darba n-negozju waqaf jopera ghal kollox fil-bidu tas-sajf tal-1999, ghandu jsegwi ill ic-cessazzjoni tal-pagamenti avverat ruhha ukoll hekk kif waqaf jopera dan in-negozju. Fuq kollox jirrisulta illi l-proceduri fallimentari gew istitwiti minn Charles Friggieri f'tentattiv biex jissospendi l-proceduri tas-subbasta li lahaq beda il-Bank kreditur HSBC. Ghaldaqstant il-perit legali ikkonkluda illi tirrizulta c-cessazzjoni tal-pagamenti da parti ta' Chalres Friggieri li kif inghad kien jiggestixxi hanut b' negozju li kien jikkonsisti f'diversi oggetti ta' hi fi u household appliances, u li ghall-finijiet tal-artiklu 486 (1) tal-Kodici tal-Kummerc qeghda tigi ffissata l-gurnata tal-21 ta' Gunju 1999 bhala d-data li fiha gew sospizi il-pagamenti da parti ta' Charles Friggieri lill-kreditur.

Kif gja gie premess uhud mill-kredituri ta' Charles Friggieri qeghdin jopponu dawn il-proceduri billi jeccepixxu n-nullita tal-proceduri fin-nuqqas li jigu esebiti l-kotba ta' kummerc minn Charles Friggieri.

Illi mill-provi jirrisulta illi kotba tal-kummerc kif kontemplat fl-artikli 13 sa' 26 tal-Kodici tal-Kummerc ma kienux jinzammu. Fi kliem l-istess Friggieri kienu jinzammu xi fatturi u kien jigi registrat il-bejgh fuq il-cash register. Certament Friggieri naqas li josserva dan l-obbligu legali.

Issa l-artiklu 480 tal-Kodici tal-Kummerc jesigi illi flimkien man-nota fallimentari kummercjant huwa tenut jipprezenta l-kotba u l-karti tal-kummerc. Fil-fehma tal-perit legali, Friggieri ma kienx izomm il-kotba tal-kummerc li tesigi l-ligi. Dan certament ma jiskuzax ill Friggieri mill-obbligu tieghu izda aktar milli jannulla l-proceduri fallimentari, dan in-nuqqas huwa ta' importanza fi stadju aktar avvanzat ta' dawn il-proceduri fallimentari, partikolarment fl-istadju finali tar-Rijabilitazzjoni. F'dan ir-rigward il-perit legali ghamel riferenza ghall-artikolu 539(1) li jipprovdi illi l-

beneficcju tar-rijabilitazzjoni ma japplikax f'dawk il-kazijiet ta' falliment doluz kif elenkati fl-artikolu 539 (2) tal-Kodici tal-Kummerc. F'dan il-kuntest u ta' rilevanza ghall-fatti tal-kaz in kwistjoni il-perit legali ghamel riferenza ghas-subartikolu li jipprovdi dwar : "jekk huwa jfingi spejjez jew telf, jew ma jaghtix kont sodisfacenti ta' dak kollu li dahhal." Fl-istess sens il-perit legali ghamel riferenza ghall-art. 540 tal-Kodici tal-Kummerc li jipprovdi illi "fallut jista' jigi dikjarat fallut doluz kemm-il darba ma jippruvax bizzejjed li hu ma kellu ebda hsieb li jiffroda' f'kaz inter alia "jekk ma jkunx zamm kotba jew jekk il-kotba tieghu ma jkunux juru l-veru stat tieghu attiv u passiv'.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi il-perit legali issottometta illi huwa prematur li huwa jippronunzja ruhhu f'dan l-istadju dwar ir-rijabilitazzjoni o meno tal-fallut meta l-proceduri fallimentari ghadhom ma waslux fl-istadju tar-rijabilitazzjoni. Il-procedura fallimentari f'dan l-istadju tirrikjedi illi l-Qorti tippronunzja ruhha dwar l-istat tal-falliment tad-debitur f'liema kaz tipprocedi bil-hatra ta' kuratur fallimentari biex imbaghad jissokta l-process fallimentari kif kontemplat fil-Kodici tal-Kummerc. Huwa biss meta dan il-process jigi ezawrit illi ghandha tigi esplorata il-kwistjoni dwar ir-rijabilitazzjoni tad-debitur jew alternattivament jekk hemmx kaz ta' falliment doluz.

Ghaldaqstant il-perit legali issottometta illi fic-cirkostanzi jesistu l-elementi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja lil Charles Friggieri jinsab fi stat ta' falliment u li c-cessazzjoni tal-pagamenti avverat ruhha sa mill-21 ta' Gunju 1999.

Rat illi l-Perit Legali ikkonkluda illi huwa tal-fehma li fic-cirkostanzi jesistu l-elementi sabiex il-Qorti tippronunzja illi Charles Friggieri jinsab fi stat ta' falliment u li c-cessazzjoni tal-pagamenti avverat ruhha sa mill-21 ta' Gunju 1999.

Illi peress illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet maghmula mill-perit legali qeghda taddotta ir-relazzjoni tieghu u taghmilha bhala taghha.

In vista ta' dan kollu il-Qorti ser tghaddi biex fl-ewwel lok tiddikjara il-falliment ta' Charles Friggieri u biex fit-tieni lok tahtar kuratur tal-falliment u dan skond il-provvedimenti kollha ta' l-Artikoli 488 et sequitur tal-Kodici Kummercjali Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi kollha tiddikjara l-falliment tad-debitur Charles Friggieri u tinnomina bhala kuratur tal-falliment lil Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino u dan ai termini u skond il-provedimenti tal-Artikoli 488 et sequitur tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddifferixxi l-kawza sine die riappuntabbli anke fuq talba tal-kuratur tal-falliment, jew tad-debitur, ta' wiehed mill-kreditur, jew ta' min jista jkollu interess.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------